


# FESTI SOLENNI
## LI JSIRU
## FIL-PARROCCA TA' L-IMQABBA
## F'ĠIEH
# SANTA MARIJA
## PATRUNA TAR-RAHAL

**30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1964.**

Lux Press

# FESTI FIL-KNISJA

30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina. Fis-7.00 p.m. Għasar solenni, kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

9 ta' Awissu — Fil-5.30 p.m. Għasar solenni, priedka, kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Wara l-Barka ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja u kant ta' l-Ave Maris Stella u Antifona.

11 ta' Awissu — L-ewwel jum tat-Tridu. Fl-4.30 p.m. Għasar solenni, priedka mill-Patri Wistin Caruana O. Carm., Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

12 ta' Awissu — It-tieni jum tat-Tridu. Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata solenni, Fis-7.15 p.m. tibda l-Funzjoni. Kollox bħal jum ta' qabel.

13 ta' Awissu — L-aħħar jum tat-Tridu. Funzjonijiet u ħinijiet bħal jum ta' qabel.

14 ta' Awissu — Lejliet il-Festa. Fis-7.30 a.m. Quddiesa Kantata solenni u kant ta' Te Deum bħala konklużjoni tat-Tridu, Innu, Antifona. Fis-6.00 p.m. Translazzjoni solenni tar-Relikwija u Għasar solenni mill-Ill.mu Rev.mu Mons. G. B. Ghigo. Kompieta u Barka Sagramentali.

15 ta' Awissu — Jum il-Festa Santa Marija. Fl-4.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali. Fil-5.30 a.m. Matutin solenni. Fis-6.00 Quddiesa baxxa bi Tqarbina Ġenerali għal-Kbar. Fis-7.15 a.m. Quddiesa baxxa bi Tqarbina Ġenerali għat-Tfal. Fid-9.00 a.m. Quddiesa Kantata solenni. Wara l-Vanġelu l-Ill.mu Rev.mu Mons. L. Spiteri D.D., B.L. Can., jinseġ Paniġirku fuq Marija Assunta. Fil-5.00 p.m. Għasar solenni, Kumpieta. Proċessjoni bl-istatwa artistika ta' Santa Marija, Barka Sagramentali.

Il-Funzjonijiet ta' nhar il-Festa ser ikunu mmexxija mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. S. Gauci. Il-mużika tal-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Vincenzo Bugeja.

Nagħmlu appell għall-Qrar u t-Tqarbin lejlet il-Festa u nharha biex nidħlu fl-ispirtu reliġjuż li għalih il-Knisja tagħmel solenni l-festi titolari li taħthom inkunu biex naqilgħu għajnuna speċjali materjali u spiritwali.

22 ta' Awissu — Fis-6.30 Għasar, Ripożizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Barka Sagramentali.

---

**TALBA QAWWIJA**

**biex wieħed jaqla' minn għand**

**M A R I J A**

**il-grazzji li jixtieq**

**miktuba minn San Bernard**

---

Ftakar, o Verġni Marija kollok ħniena, illi, kemm ilha wieqfa d-dinja, qatt ma nstama li baqa' mnikket kull min fittex l-għajnuna tiegħek, kull min talbek b'fiduċja fil-hemm u s-slaleb tiegħu. Hawn jiena mmela, mimli b'tama kbira fil-ħniena tiegħek, o Omm u Verġni tal-verġni, quddiemek ninxteħet, Lilek ngħajjat u bħala msejken midneb nitlob l-għajnuna tiegħek. La tistmerx talbi, ja Omm il-Verb Inkarnat, iżda ismagħni kollok tieba u ħennini.

(300 jum Indulġenza kull darba u, taħt il-kondizzjonijiet tas-soltu, Indulġenza plenarja darba fix-xahar għal kull min jgħid din it-talba kuljum).

# FESTI TA' BARRA

30 ta' Lulju. — Wara l-Funzjoni tal-Knisja, mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja.

9 ta' Awissu. — Wara l-Ħrug tal-Istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja, l-Banda lokali King George V tagħmel marċijiet mat-toroq principali tal-Imqabba u tesegwixxi Programm fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Martin A. Mus. L.C.M. Mixgħela tal-Knisja.

13 ta' Awissu. — Wara l-Funzjoni tal-Knisja l-Banda King George V tagħmel marċijiet u ddoqq Programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

14 ta' Awissu. — Lejlet il-Festa. Fit-8.00 p.m. Mixgħela ġenerali tar-raħal. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq u l-Banda "Paola" tar-Raħal il-Ġdid, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba bil-marċijiet, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-10.00 p.m. ħruq ta' murtali tal-kulur, fil-11.00 p.m. ħruq tal-logħob tan-nar.

15 t'Awissu. — Jum il-Festa. Fl-4.00 a.m. mixgħela ġenerali. Fil-5 p.m. il-Baned 'Queen Victoria' u 'Paola' jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Meta l-Proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda 'Queen Victoria' iddoqq l-Innu lil Marija Assunta, miktub minn Patri J. Ghigo S.J., mużika tas-surmast G. Martin. Ikantaw it-tenur A. Sapiano u l-baritonu G. Bezzina, flimkien ma' kor ta' xebbiet mir-raħal.

Waqt il-Proċessjoni isir sparar ta' bombi u ħruq ta' kaxxa nfernali u murtali tal-kulur.

22 t'Awissu. — Fit-8.30 p.m. il-Banda King George V, wara li tagħmel marċijiet mar-raħal, tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Il-logħob tan-nar u l-kaxxi nfernali huma kollha xogħol tad-diletaanti tas-Soċjeta' Santa Marija.

Il-Banda King George V ser tagħmel recording tal-Innu lil Marija Assunta flimkien ma' sett ta' marċi li jkunu mxandra fuq ir-Rediffusion nhar il-Ħadd 23 ta' Awissu.